# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 13 ta' Lulju 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Luke Bonello)**

**vs**

**Stephen Azzopardi**

**Kumpilazzjoni Nru: 1041/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Azzopardi, u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 284981(M).

Akkuzat talli:

Nhar l-10 ta' Frar 2014 gewwa San Giljan u f'dawn il-Gzejjer Maltin minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'periklu car permezz ta' xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Clinton Attard, jew gablu disordni f'mohhu w li liema hsara setghat ggib periklu ta' debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh, jew gab mankament jew sfregju fil-

wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta' l-offiz u dan skond ma ccertifika Dr. Mario Cilia M.D. (Reg. No. 1749) mill-Isptar Mater Dei, Msida.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' Clinton Attard bil-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz beda wara rapport li sar minn Clinton Attard li mar l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan flimkien ma' certu Roderick Zammit nhar l-10 ta' Frar 2014 ghall-habta tas-saghtejn ta' fil-ghodu. Attard allega li xi siegha qabel kienu f'l-istabbiliment Skyclub, mal-bar; talab drink lill-barman u dan waddablu tazza u laqtu f'mohhu  u bhala konsegwenza indarab.

Illi meta ddepona quddiem dn il-Qorti[1] Clinton Attard qal li kien qieghed fil-club, mar jixtri drink (kien qeghed jixtri bil-flixkun) u ra wiehed jipponta subghajh lejh waqt li hu kien qieghed bil-flus f'idejh lest li jhallas; ordna il-flixkun u f'hin minnhom jara oggett gej ghar rasu. Ix-xhud ikompli hekk: *intlejt demm u pruvajt nirritalja imma ... u hu prova jirritalja lura u mbaghad harguni 'l barra u giet l-ambulanza u mort naghmel rapport wara*. Mistoqsi wara dan l-incident x'ghamel, Attard qal hekk: *dak il-hin bhal self defence li kien hemm quddiemi qisni bdejt intajru u mbaghad waqajt ma'l-art*. Hu jkompli jirrakkonta li mbaghad hareg barra, shabu cemplu ghall-ambulanza, gew il-pulizija u giet l-ambulanza  u ttiehed l-isptar. Aktar minn hekk jghid li fil-hin ta' l-incident kien hemm wiehed mieghu jismu Shaun Axisa u kien hemm ukoll certu Roderick Zammit pero dan kien in-naha l-ohra.

[1] Depozizzjoni a fol 25 et seq.

Illi Roderick Zammit tressaq bhala xhud[2]. Huwa jghid li kien qieghed in-naha l-ohra tal-bar jixtri d-drinks meta ra oggett hiereg minn wara l-bar, dawwar wiccu u ra lil siehbu (cioe Clinton Attard) kollu demm. Ma' Attard kien hemm shabhom ohrajn u gibduh 'l barra. Ftit wara il-barman hareg minn wara l-bar u nqalghet glieda ohra u gew il-bouncers u f'dak il-hin sema lil barman li hareg minn wara l-bar jghid lil bouncers: *fejn harab l-iehor?* Mistoqsi jekk rax lil min tefa' l-flixkun jghid li ra lill-imputat ghax baqa' jiffolowjah.

Illi l-pulizija li kien ha r-rapport kien PS6 Duncan Demicoli. Meta xehed nhar is-27 ta' April 2015[3] PS6 prattikament rrepeta dak li kien hemm miktub f'l-okkorrenza. Meta sarlu l-kontroezami[4] u gie mistoqsi biex jidhol f'aktar dettalji dan ix-xhud ma ftakar kwazi xejn. Mill-mistoqsijiet li sarulu u mill-ftit konkluzzjonijiet li wasal ghalihom jidher li meta Clint Attard u Roderick Zammit marru l-ghassa, ma kienux jafu minn kien waddab it-tazza. Jirrzulta ukoll li huma "*identifikaw*" lill-imputat bhala l-persuna li allegatament tefa t-tazza wara li intwerew ritratt tieghu mis-surgent Demicoli.

Illi Shaun Axisa ma tressaqx bhala xhud; lanqas ma tressqu bhala xhieda l-pulizija li intervenjew malli kien ghadu kif sehh l-incident u li ghamlu l-ewwel kostatazzjonijiet fuq il-post.

Illi l-imputat rrilaxxja stqarrija[5]; fiha sempliciment jikkonferma li fil-gurnata in ezami kien xoghol mit-08.00pm bhala barman fil-VIP area ta'l-iSkyclub, f'dak il-bar kien hemm barman iehor li ma kienx jaf x'jismu. Jghid fil-hin li kollu li kien qieghed xoghol hu ma kien involut f'l-ebda argument u ma kien involut f'l-ebda incident; huwa zied li lanqas biss kien jaf li kien hemm argument.

Illi meta ddepona quddiem din il-Qorti[6] l-imputat jghid li ilu jahdem bhala barman dsatax il-sena: full time go cafetterrija (Blackbull) u part time fil-ghaxija fil-clubs. Dwar il-lejl in ezami jghid li hu kien xoghol bhala head barman mal-bar it-twil fil-VIP section liema bar huwa maqsum f'erba sezzjonijiet; f'kull sezzjoni hemm cash. Huwa kien qieghed fis-sezzjoni C. Ghal habta tal-hdax u nofs ra kommozzjoni (inkluz tnejn minn nies li kienu

---

[2] Depozizzjoni a fol 29 et seq.

[3] Depozizzjoni a fol 34.

[4] Parti dakn in-nhar stess u parti waqt l-udjenza tad-19 ta' Ottubru 2016 (a fol 48 et seq).

[5] Esebita a fol 4.

[6] Depozizzjoni a fol 70 et seq.

barra l-bar iwaddbu flixken u affarijiet) ghalhekk huwa hareg u mar isejjah lis-security pero s-security kien diga induna li hemm it-trouble. Waqt li s-security kienu qed johorgu lil dan iz-zewg persuni ’l barra wiehed tgerbed u waqa. L-imputat m’ghandux idea min kienu dawn in-nies. Wara dan l-episodju l-affarijiet ikkalmaw u eventwalment gew il-pulizija (mara u tlett igiel). Il-pulizija kellmu lill-imputat u saqsewh jekk kienx hemm xi glieda u huwa ikkonferma; talbu biex jidhlu wara l-bar u nnutaw xi hgieg mkisser tal-flixken li kienu twabbdu qabel. Il-pulizija mara talbitu ismu lill-imputat u xi informazzjoni ohra; wara li ghamlu l-kostatzzjonijiet li deherilhom opportuni l-pulizija telqu. Wara xi saghtejn gew zewg pulizija ohra, talbu ghal Stephen Azzopardi u gew diretti lejn l-imputat. Dawn il-pulizija regghu saqsew jekk hemmx tazzi tal-hgieg. Wiehed minnhom dahal wara l-bar u hu ukoll ikkonstata li kien hemm xi hgieg u l-imputat spjegalu ghaliex kien hemm il-hgieg. L-imputat sadattant kien staqsa lill-barmen l-ohra fuq xiex kienet il-glieda u infurmawh li kien hemm klient li ma riedx ihallas zewg flixken vodka; l-imputat ta din l-informazzjoni lill-pulizija. Meta ghamlu l-kostatazzjonijiet li deherilhom li kellhom jaghmlu l-pulizija talbu lill-imputat biex imur maghhom l-ghassa biex isaqsuh xi affarijiet peress li hu kien jiehu hsieb il-bar. Meta mbaghad haduh l-ghassa il-pulizija bdew jallega li hu kien involut fil-glieda u zammewh arrestat.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f’l-artikoli 214, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe li kkawza offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Clinton Attard.

Illi l-unika prova li fuqha l-prosekuzzjoni qed tibbaza l-involviment ta’l-imputat hija l-identifikazzjoni tieghu da parti ta’ Clinton Attard u Roderick Zammit bhala l-persuna li tefa l-oggett li laqghat lil Attard.

Illi meta Clinton Attard u Roderick Zammit marru l-ghassa tal-pulizija, ghall-habta tas-2.17am, huma qalu li Attard kien intlaqghat minn tazza u li din it-tazza kien tefaha il-barman. Skond l-okkorrenza, konfermata b’gurament mis-surgent li rredigiha[7], u d-depozizzjoni ta’l-istess surgent jirrizulta li kien fi stadju ulterjuri, u ”*minn izjed investigazzjoni*” li Attard u Zammit identifikaw lil Azzopardi bhala l-persuna li kien tefa’ t-tazza. X’kienet din l-investigazzjoni ulterjuri ma jirrizultax ghaliex PS 6 ma ftakar

---

[7] PS6 Duncan Demicoli.

propju xejn dwar din l-investigazzjoni u wasal biex accetta kull suggeriment li ghamillu l-abbli difensur ta'l-imputat. L-unici fatti, dwar din l-investigazzjoni ulterjuri, li l-Qorti hija konvinta minnhom huma li wara li Attard u Zammit marru l-ghassa biex jaghmlu r-rapport, f'liema stadju ma kienux jafu minn kien tefa' t-tazza, PS 6 mar l-iSkyclub. Ghal ragunijiet li baqghu ma rrizultawx ikkonkluda li seta' kien l-imputat li tefa' tazza u talbu biex imur mieghu l-ghassa; l-imputat hekk ghamel. Meta rega' mar l-ghassa PS 6 pprintja ritratt ta'l-imputat minn 'l hekk imsejjha *personal details form* fid-data base tal-pulizija, wera dan l-uniku ritratt lil Attard u Zammit u huma qalu li gharfu lill-persuna li tidher fir-ritratt bhala l-persuna li kienet tefghet it-tazza. Meta kienu qed jiddeponu Attard u Zammit gharfu lill-imputat prezenti f'l-awla bhala l-istess persuna li huma "*identifikaw*" meta kienu qeghdin l-ghassa tal-pulizija.

Illi hemm diversi osservazzjonijiet x'isiru dwar l-identifikazzjoni ta'l-imputat da parti ta' Attard u Zammit, osservazzjonijiet kemm fattwali kif ukoll legali.

Illi l-Qorti ta' L-appell Kriminali kellha diversi okkazzjonijiet tesprimi ruhha dwar l-identifikazzjoni ta' persuna suspettat. Fis-sentenza mghotija fil-kawza fl-ismijiet Il- Pulizija vs Massimo Caruso[8], ghaddiet in rassenja il-gurisprudenza in tema u qalet hekk:

> *Dwar il-process ta' identifikazzjoni, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kawza Il-Pulizija vs. Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235) qalet li "Il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja – l-Artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg.*
>
> *Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk: Biex issir il-prova ta' l-identita` ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-Qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja.*

[8] Deciza 17 ta' Marzu 2008.

.... .... ....

*Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal, per ezempju, fl-Ghassa tal-Pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-Gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi fil-Code of Practice D taht il-Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir-regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe l-attendibilita` ta' l-identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn irregoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti.*

....... ...... ......

*Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l-identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-*

*identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs. Gill (1993) 65 A Crim R. 44: '... I am unaware of any authority in this country or elsewhere ... that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings ... and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';*

*Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' verament tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:*

*'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to*

*the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*

*Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance? ...*

*Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)"".*

*Kif osservat ukoll din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Giuseppe sive Joseph Cassar* moghtija *fit-22 ta' Marzu 1988 (Vol. LXXII.v.868), "skond il-ligi taghna ghall-identifikazzjoni ta' l-akkuzat mhux necessarja identification parade". Hija qalet:*

*"Dan il-punt gie ttrattat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede inferjuri) per W. Harding fil-kawza 'Il-Pulizija vs Leading Steward Victor Dalmas' deciza fit-13 ta' Mejju 1961 (Vol. XLV.iv.963), fejn waqt li gie ribadit dak li ghadu kif inghad fuq dan l-artikolu dik il-Qorti qalet ukoll: 'Hu certament desiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjah biex jidentifika jigi b'xi mod, anki*

*involontarjament, suggestjonat, u hi nota l-prattika rrakkommandata f'certi kazijiet, fis-sens li f'identifikazzjoni simili, meta jkun jehtieg, jingabru xi persuni, piu` o meno ta' l-istess eta` u klassi socjali tad-detenut, li jkun jista' jiehu post fejn irid fosthom';*

*M'hemmx dubju li kif qal Lord Parker CJ in R. vs Parks ((1961) I.W.L.R. 1484) 'cases of identification are difficult and can lead to a miscarriage of justice' u certament din il-preokkupazzjoni urietha diga` din il-Qorti fis-sentenza taghha in re Il-Maesta` Taghha r-Regina vs. Joseph Hallet moghtija fit-22 ta' Marzu 1971 fejn inghad li 'certament, il-Qorti tirrikonoxxi r-riskji li ghalihom tista', in generali, tkun esposta l-prova ta' l-identifikazzjoni ta' persuna'. Din il-Qorti f'dak il-kaz li kien jinvolvi identifikazzjoni minn fuq ritratti murija mill-Pulizija, waqt li enfasizzat il-perikoli inerenti ziedet tghid li 'il-Qorti ma tahsibx illi, ghall-finijiet prattici tal-hajja u l-investigazzjoni ta' delitti, essenzjali ghall-ezistenza ordinata stess tas-socjeta`, dan jista' jigi evitat - basta s'intendi li jsir bil-prekawzjonijiet kollha possibbli biex jigu evitati miscarriages of justice'".*

Illi meta Attard u Zammit marru l-ghassa biex jaghmlu r-rapport huma semmew barman, minghajr ma taw deskrizzjoni ta' dan il-barman. Eventwalment huma, it-tnejn flimkien, intwerew ritratt ta'l-imputat u kien biss fuq dan is-suggeriment li huma identifikawh bhala l-barman li kienu semmew.

Illi huwa car li l-identifikazzjoni f'l-istadju ta'l-investigazzjoni saret kontra kull regola msemmija fil-gurisprudenza u dottrina fuq kwotata ghaliex bil-mod kif saret Attard u Zammit kienu bla dubbju ssuggestjonati biex jidentifikaw lill-imputat, u lil hadd aktar, bhala l-persuna li tefghet it-tazza.

Illi dwar il-fatt li kemm Attard kif ukoll Zammit jghidu li gharfu lill-imputat f'l-awla fejn instema l-kaz bhala l-persuna li tefghet it-tazza hemm diversi osservazzjonijiet x'jsiru ukoll.

Illi l-perikolu ta' *in dock identification* huwa evidenti. Fil-fatt il-Privvy Council[9] jirreferi ghal *the obvious danger that a defendant occupying the dock might automatically be assumed by even a well intentioned eye-witness*

[9] Ref Tido vs The Queen [2011] UKPC 16 per Lord Kerr.

*to be the person who had committed the crime with which he or she was charged.*

Illi fir-rakkont taghhom kemm Attard kif ukoll Zammit jibdew biex jiddeskrivu l-incident billi jghidu li raw xi haga ittir; din kienet l-ewwel haga li gibdet l-attenzjoni taghhom. Jekk l-oggett diga kien qed ”itir” meta huma indunaw bih ma jistax ikun li raw minn tefghu. Il-Qorti tikkoncedi li huma setghu raw minn liema direzzjoni kien gej dak l-oggett u anke jekk kienx hemm xi nies minn fejn seta’ intefa’ l-oggett, pero, minn dak li qalu, mhux biss quddiem din il-Qorti imma anke lil PS 6 Duncan Demicoli meta marru jaghmlu r-rapport, il-Qorti mhiex konvinta li huma raw lil xi hadd jitfa t-tazza.

Illi tenut kont ta’ dan, tenut kont tal-perikoli ta’ *in dock identification* u tenut kont tal-kwezieti kollha li jridu jigu interposti skond it-tieni punt tar-regoli Turnbull il-Qorti tqies li ma jkunx opportun li taghti affidabilita lill-identifikazzjoni ta’l-imputat da parti ta’ Attard u Zammit sia f’l-istadju ta’l-investgazzjoni u sia meta kienu qed jixhdu.

Illi dan premess u tenut kont tal-provi skarsi u inkonklussivi tal-prosekuzzjoni, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-imputat jichad katerogament li huwa tefa xi tazza Il-Qorti ma tqies li gie pruvat ’l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li kien propju l-imputat li tefa it-tazza lejn Attard.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat hati ta’l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minnha.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**